Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 23 ta' Marzu,2001

Avviz Nru: 1595/00

Allcare Insurance Agency Ltd

Vs

Jason Briffa u martu Stephanie Briffa u l-istess Jason Briffa ghan-nom u fl-interess ta' Kelly's Child Care Centre

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u tletin lira u wiehed u erbghin centezmu (Lm830.41) rapprezentanti l-prezz ta' "premiums" dovuti fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga fuq ordni u inkarigu taghkom, kif jidher mill-Istatement hawn anness bhala dokument "A". Bl-imghax mis-7 ta' Novembru 2000 u bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati msejhin tlett darbiet ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi in solidum bejniethom is-somma mitluba ta' tminn mija u tletin liri Maltin u wiehed u erbghin centezmi (Lm830.41c).

Bl-imghaxijiet mis-7 ta' Novembru 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg